TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 187/16/F

**Lara Buttigieg**

**vs**

**Muscats Motors Ltd.**

Illum 23 t'Ottubru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-10 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija, u disgħa u ħamsin ewro u tlettax-il ċenteżmi (€559.13), rappreżentanti l-prezz ta' visual boost radio.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat karozza ġdida mingħand id-ditta intimata u irriżulta illi ordnata mingħajr il-visual boost radio għaliex qalulha li mhux se jkollu USB, AUX u affarijiet oħrajn u għalhekk bidlet fhemta, u wara li waslet il-karozza kif fil-fatt kienet ordnata, indunat li l-visual boost radio kien parti minn standard apparat li jkollok fil-karozza u allura qed tgħid li l-visual boost għandu jkun parti fil-karozza u m'għandhiex tħallas għalih liema prezz jiswa €550.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi r-rikorrenti speċifikament m'ordnatx il-visual boost radio u għalhekk il-karozza hekk ġiet.

It-Tribunal, jinnota li jidher li kien hemm ftit ta' konfużjoni bejn dak li effettivament x'riedet ir-rikorrenti, u dak li taw informazzjoni x'jista' jkollha, u jista' jkun li kien hemm xi nuqqas ta' ftehim.

It-Tribunal, iħoss li s-soċjeta' ntimata għandhom l-obligu tassigura li tispjega kollox bl-eżatt lil min ikun qed jixtri sabiex ikun jista' jagħmel deċiżjoni infurmata. Għaldaqstant it-Tribunal, iħoss illi ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni sabiex ir-rikorrenti tasal għad-deċiżjoni tajba tagħha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**